SEGRETARJAT EDUKAZZJONI NISRANIJA

30, Binja Josmar,
Triq Idmejda, Ħal Balzan, BZN 1521, Malta
Tel: +356 22039360
www.csm.edu.mt

# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-ewwel sena sekondarja

F'Novembru 2023 ġew ippublikati r-Regolamenti għad-Dħul fl-Iskejjel tal-Knisja u saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għas-sena skolastika 2024-2025. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw għall-ewwel sena sekondarja.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien mainstream huwa ta' mitejn u tletin (230) post. Tmien (8) postijiet inqalbu minn mainstream għal każijiet bis-sapport. Hekk it-total ta' postijiet huwa mitejn u tnejn u għoxrin (222) post (230-8=222).

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-Djar tal-Knisja* | 1 |
| *1b* | *Tfal tal-impjegati fl-istess skola* | 3 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 20 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa li qegħdin fi skola tal-Knisja bla Kontinwità* | 15 |
| *1ċ 1g* | *Aħwa li l-ġenitur tagħhom jaħdem fi skola oħra* | 1 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 94 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 4 |
| ***Total*** | | **138** |

Għandna ukoll sebgħa applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn mhumix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

Għandna żewġ applikazzjonijiet b'talba għal transfer. Dawn il-postijiet ma jitnaqqsux mit-total għaliex filwaqt li jistgħu jokkupaw post fi skejjel oħra, iħallu post fl-iskejjel fejn jattendu. Dawn mhumix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien bis-sapport huwa ta' wieħed u għoxrin (21) post. Tmien (8) postijiet inqelbu minn mainstream għal-każijiet bis-sapport. Hekk it-total ta' postijiet huwa disgħa u għoxrin (21+8=29).

**It-total ta' applikanti subien tal-Ewwel Kriterju li għandhom bżonn l-għajnuna ta' L.S.E. huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1b* | *Tfal ta' impjegati fl-istess skola* | 1 |
| *1c 1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità li ħuthom qegħdin fi skola tal-Knisja* | 2 |
| *1f* | *Tfal minn skola tal-Knisja bla kontinwità* | 24 |
| *1c* | *Aħwa* | 2 |
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 4 |
| ***Total*** | | **34** |

Għandna ukoll tlett applikazzjonijiet tal-Aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Dawn mhumix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

L-ordni ta' preċedenza għad-dħul fl-iskejjel tal-knisja għat-tfal bis-sapport issegwi paragrafu 2.4 tar-Regolamenti tal-Każijiet Serji.

In-numru ta' applikazzjonijiet li rċevejna ma jippermettix li nilqgħu applikazzjonijiet bis-sapport taħt it-tielet kriterju 'Applikanti Oħra'.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien każijiet soċjali huwa ta' żewġ (2) postijiet. Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

## Subien tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja subien każijiet tal-ażil huwa ta' sitt (6) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Mainstream

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet huwa ta' ħamsa u sittin (65) post. Wara li ġie konkluż it-Transfer tal-bniet tas-St Francis, jirriżulta li fadal post f'St Francis Sliema. Fi skola partikulari nbidlu żewġ postijiet minn mainstream għal każijiet bis-sapport. Hekk it-total ta' postijiet huwa ta' erbgħa u sittin post (65+1-2=64).

**It-total ta' applikanti bniet tal-Ewwel Kriterju mainstream huwa:**

| | | |
|---|---|---|
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 1 |
| *1b* | *Tfal tal-impjegati* | 2 |
| *1ċ* | *Aħwa* | 9 |
| *1ċ 1f* | *Aħwa minn skola bla kontinwità* | 1 |
| *1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità* | 8 |
| *1ġ* | *Tfal tal-Impjegati fi skola oħra* | 6 |
| ***Total*** | | **27** |

Għandna ħames applikazzjonijiet tal-aħwa għal skejjel li bħalissa ma għandhomx post vakanti. Jekk jinħoloq post vakanti fl-iskejjel rilevanti dawn jinkitbu fihom. Dawn m'humix inklużi fit-tabella t'hawn fuq.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Li għandhom bżonn l-Għajnuna ta' L.S.E.

L-iskejjel sekondarji tal-bniet kollha għandhom primarja għalhekk kollha għandhom tfal bl-għajnuna ta' L.S.E. li ġejjin mill-primarja. Għalhekk huma limitati ħafna kemm jistgħu jaċċetaw aktar bniet bl-għajnuna ta' L.S.E. Fi skola partikulari nqalbu żewġ postijiet għal

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521
Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt

każijiet bis-sapport minn mainstream. Hekk għandna erba' (4) postijiet għal-bniet bil-għajnuna ta' L.S.E.

| | | |
|---|---|---|
| *1f* | *Tfal minn skola bla kontinwità* | 2 |
| *1a* | *Tfal mid-djar tal-knisja* | 2 |
| ***Total*** | | **4** |

L-ammont ta' applikazzjonijiet li rċevejna ma jippermettix li nilqgħu aktar applikazzjonijiet.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet Soċjali

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet każijiet soċjali huwa ta' żewġ (2) postijiet. Ma rċevejna l-ebda każ soċjali. Għalhekk se jintlaqgħu applikazzjonijiet ta' każijiet soċjali tat-tielet kriterju.

## Bniet tal-Ewwel Sena Sekondarja Każijiet tal-Ażil

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena sekondarja bniet każijiet tal-ażil huwa ta' żewġ (2) postijiet. L-applikazzjonijiet tal-Ażil jiltlaqgħu f'Marzu.

### Konklużjoni

Se jintlaqgħu applikazzjonijiet għas-subien u għal-bniet: *mainstream*, Każijiet Soċjali u tal-Ażil.

Aktar informazzjoni tinsab fir-Regolamenti tad-Dħul. Lista bl-applikanti tal-ewwel kriterju, li qed nirreferu għalihom f'din iċ-ċirkulari, tiġi ppublikata fil-ġimgħat li ġejjin fil-paġna tal-iskejjel tal-Knisja f'www.knisja.mt.

Fost l-applikanti oħra jista' ikun hemm aħwa li qed japplikaw fi snin oħra tad-dħul. Għalhekk jekk ikun hemm post vakanti dawn jingħataw preċedenza skont ir-Regolamenti (3.1).

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

**Il-Bord tad-Dħul tal-Iskejjel tal-Knisja** **26 ta' Jannar 2024**

Segretarjat Edukazzjoni Nisranija
30, Binja Josmar,
Triq Idmejda,
Balzan, BZN 1521

Tel: 22039360
Email: admissions@maltadiocese.org
www.csm.edu.mt